San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 22 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**il-gimgha 25 ta' Jannar 2013 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Alexander Bezzina | Vici Sindku |
| Ray Tabone | Kunsillier |
| Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| Jason Camilleri | Kunsillier |
| Jane Chircop | Kunsilliera |
| Carmel Hili | Kunsillier |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-**
Graziella Galea/John Bray/Peter Abela/Robert Piscopo/Anne Marie Fenech/Daniel Grima/

**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.**

1 ***Qari u approvazzjoni tal-minuti.***
Il-minuti tal-laqghat precedenti 18/19/20/21 ittiehdu bhala moqrija u korretti peress li gew cirkulati minn qabel minhabba xi korrezzjonijiet minuri. Wara li l-minuti gew approvati, dawn gew iffirmati mis-Sindku u mis-segretarju Ezekuttiv.

2 **Stqarrija tas-Sindku inkluz korrispondenza.**
Attendenza. Is-Sindku Mario Salerno qal li l-kunsillier Peter Abela kien baghat emejl biex jigi skuzat ghax ma' jiflahx u kienet waslet emejl ohra minghand Graziella Galea fejn talbet jigu skuzati ghax ghandhom laqgha tal-partit, hija talbet ukoll biex il-laqgha tigi posposta, liema talba ma' ntlaqatx ghax l-emejl waslet biss gurnata qabel fl-4pm.Is-Sindku Mario Salerno gibed l-attenzjoni li ilhom jafu minn dicembru fl-ahhar laqgha. Li tibghat biss gurnata qabel li ghandhom impenn iehor m'hijiex responsabilita politika u l-hsara issir biss lir-residenti u l-kuntratturi ghax il-pagamenti ma' jkunux jistghu jithallsu.

Attivitajiet – billboard. Is-sindku Mario Salerno kompla jispjega li l-ewwel attivita kulturali tal-Kunsill kienet ser issir fit-torri ta' Wignacourt fejn ser isir re-enactment u hemm hafna turisti mistiedna. Billi hemm il-hsieb li l-Kunsill jibda jorganizza sensiela ta' attivitajiet kulturali kull xahar is-sindku talab biex tinghata aktar attenzjoni ghall-promozzjoni ta' dawn l-attivitajiet. Ray Tabone kompla jghid li hemm bzonn ta' aktar promozzjoni u wara diskussjoni qasira gie deciz b'mod unanimu li jsir billboard f' Erbgha Mwiezeb halli jirriklama l-attivitajiet tal-Kunsill.

Loading u unloading bays. Il-Kunsill kien ircieva ittra minghand is-Sur Michael Scicluna fejn talab li tabelli tal-loading u unloading jonqos il-hin. Ray Tabone kompla jzid jghid li din il-proposta kienet ga tresqet quddiem il-kunsill xi erba xhur ilu u ma sar xejn. Din is-sistema ga tezisti fil-Mellieha fejn il-hin inbidel u sar mit-tmienja sal-hamsa. Ray kompla jghid li ghandna nikkonsultaw ma tal-hwienet u naraw kif nistghu nmexxu fuqha. Is-Sindku ghandu jitkellem mall-business community l-ewwel u nimxu minn hemm.

Toroq bla isem. Il-Kunsill ircieva diversi lmenti minghand residenti li hemm triq bejn triq it-turisti u triq il-fliegu li ghad m'ghandiex isem. Il-kunsill qabel li din ghanda tissemma Triq Spizjar Joseph Sciberras, filwaqt li triq gdida fi triq konventwali tissemma ghall-isparatur Larry Vella.

Parkegg ghall Fun Train. Il-Kunsill ircieva ittra minghand sid il-Fun Train li topera f' Bugibba biex ghaz-zmein tax-xitwa jibda jipparkja t-train fi triq it-turisti- hdejn l-ghassa tal-pulizija. Dan minhabba l-hsara li qed issir lill istess verrovija li prezentament tkun esposta ghar-raxx tal-bahar il-gurnata kollha. Ghaldaqstant b'mod unanimu il-Kunsill qabel li ma jsib l-ebda oggezzjoni ghall dan.

Talba ghall-loading/unloading. Is-Sur Daryl Borg Cardona qal li kien ilu diversi snin jitlob loading/unloading quddiem jew vicin il-hanut tad-diving tieghu u billi kien inghata risposta negattiva *due to prevailing policy* gabar firem minn hwienet ohra biex jerga' jitlob lill TM

biex tikkonsidra l-posizzjoni taggha. Ghaldaqstant talab lill Kunsill biex jkollu no objection f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Nuqqas ta' kollaborazzjoni minn dipartimenti tal-Gvern.

1. Kiri ta' garaxx tal-Gvern. Saret korrispondenza mall-entitajiet governattivi biex il-kunsill jikri garaxx tal-gvern fi Triq Quintinus. Sfortunatament ghalkemm saru diversi talbiet, meetings u korrispondenza s'issa ghad ma' hemm l-ebda risposta minghand id-dipartiment dwar dan.
2. Tiswija tal-lattrini ta' taht il-promenade ta' Bugibba. Is-Sindku Mario Salerno kompla jispjega kif il-kunsill mhux qed isib kollaborazzjoni mid-dipartimenti koncernati biex il-lattrina ta' taht il-promenade terga' tinfetah u titranga mill-gdid. Ghalkemm il-kunsill ga ghamel hafna xoghol ta' tindif u tiswija tal-bibien ta' barra, li kienu gew vandalizzati, xorta ghadna bhala kunsill nistennew risposta halli jkun jista' jerga' jehel meter tad-dawl u ilma mill gdid biex l-istess lattrini jkunu jistghu jinfethu ghall-pubblika.
3.

***Approvazzjoni tal-iskeda tal-hlasijiet***

Giet prezentata l-iskeda tal-hlasijiet ghall dan ix-xahar u wara li gew innotati xi punti din tressqet ghall-approvazzjoni tal-kunsill. L-iskeda tal-hlasijiet giet approvata unanimament.

***Rizultati tal-bordijiet tal-aggudikazzjoni.***

Billi l-kunsill kien hatar diversi bordijiet tal-aggudikazzjoni biex jevalwaw it-tenders mahruga mill-Kunsill, gie deciz li l-kunsill jimxi mar-rakkomandazzjonijiet tal-istess bordijiet li kienu mahtura fil-laqgha precedent. Is-Sindku Mario Salerno qal li ghall-bordijiet tal-aggudikazzjni kienu msejha kunsilliera nazzjonalisti u bl-eccezzjoni ta' Anne Fenech l-ohrajn had ma' attenda ghall-ebda bord tal-ghazla.

It-tender tas-soft areas kien hemm il-qbil mill-kunsilliera kollha prezenti li tinghata lill WM environmental mbasta jikkonferma u jkolllu kollox kif suppost skont il-GPP.Kien hemm il-qbil ukoll li jekk il-kuntrattur maghzul ma' huwiex konformi, l-kunsill jmur ghat-tieni orhos tender mitfugha u jibqa' sejjer hekk sakemm jitaghzel l-kuntrattur bil-kriterji kollha mehtiega.

Ghaldaqstant it-tenders inghataw kif gej:-

SPBLC 1-2013 Tender for the cleaning and grass cutting in noon Urban Roads in the locality of San Pawl il-Bahar
Adj. Board - John, Alex, Daniel, Raymond, Mario – Awarded to Christian Galea

SPBLC 2-2013 Tender for the cleaning and grass cutting in noon Urban Roads in Burmarrad and Wardija
Adj. Board - John, Alex, Daniel, Raymond, Mario – Awarded to Christian Galea

SPBLC 3-2013 Tender for the Purchasing of a Van for council use
Adj. Board - Raymond, Jason, Mario, Graziella, Alex – Awarded to Burmarrad Commercials.

SPBLC 4- 2013Tender for the Supply of Concrete
Adj. Board - Graziella, Daniel, Raymond, Jason, Mario, Alex – Awarded to Rite Mix Ltd.

SPBLC 5- Tender for the Supply of Cold Asphalt Bags
Adj. Board - Graziella, Daniel, Raymond, Jason, Mario, Alex – Awarded to Bitmac Ltd.

SPBLC 7-2013 Tender for the Cleaning and attendance of Public Conveniences in the Locality of San Pawl
Adj. Board- Carmel, Jane Mandy, Anne, Mario – Awarded to Ms Carmeline Bezzina

SPBLC 8-2013 Tender for the upkeep and maintenance of Soft Areas
Adj. Board- Raymond, Mario Peter, Alex, Carmel, Mandy – Awarded to WM Environmental.

SPBLC 9-2013 Tender for the Building and Maintenance of footpaths.
Adj. Board - Graziella, Daniel, Raymond, Alex, Jason, Mario – Awarded to E. Pisani

SPBLC 10-2013 Tender for road maintenance, patching and extensive patching with hot asphalt
Adj. Board - Graziella, Daniel, Raymond, Alex, Jason, Mario – Awarded to Dimbros Ltd.

SPBLC 11-2013 Tender for Street Sweeping and emptying of litter Bins in Burmarrad and Wardija
Adj. Board- Anne, Mandy, Jane, Alex, Raymond, Jason, Mario – Awarded to Mr David Tanti.

SPBLC 12-2013 Tender for Street Sweeping and emptying of litter Bins in San Pawl il-Bahar (Except Burmarrad and Wardija)
Adj. Board- Anne, Mandy, Jane, Alex, Raymond, Jason, Mario – Awarded to Mr David Tanti.

SPBLC 13-2013 Tender for the Services of a Handyman
Adj. Board- Alex, Raymond, Jason, Mario, Robert, Daniel – Awarded to Mr. Sergio Borg.

SPBLC 14-2013 Tender for the Services of a Supervisor – Handyman
Adj. Board- Alex, Raymond, Jason, Mario, Robert, Daniel – Awarded to Mr Marco Briffa.

SPBLC 15-2013 Tender for Council Insurance
Adj. Board - Mandy, Jane, Graziella, Robert, Mario – Awarded to Central Insurance Brokers

SPBLC 16-2013 Tender for the Supply and Installation of Street Furniture
Adj. Board - Mandy, Jane, Alex, Daniel, Mario – Awarded to Mr Mario Mallia.

SPBLC-Quoatation 25-Paving in Triq Erba' Mwieżeb
Adj. Board – Mario, Raymond, Daniel, Jason – Awarded to Raymond Calleja.

SPBLC-Quotation-23-Events coordinator
Adj. Board – Mario, Raymond, Jane – Awarded to Krista Caruana and Mario Camilleri skont it-tip ta' event kif imnizzla fl-iskeda.

SPBLC-Quotation – Cleaner for Council Office –Awarded to Ms Joanna Fenech.

Tender for the design Implementation and maintenance of an e-learning platform – Awarded to Ian Grech

Tender for the Provision of Training Services in ICT, Hospitality English, Customer Management and Maltese Culture and Heritage. – ESF 16/2012 - TCTC Ltd.

Kull tender giet aggudikata u kien hemm qbil unanimu minn dawk kollha prezenti.

***<u>Decizjoni fuq l-expression of interest:-</u>***

1. Karozzi abbandunati f' San Pawl il-Bahar inghatat lis-Sur Alex Fenech u Charles Borda li ser jigbru l-karozzi abbandunati b'xejn.

2. Recycling. Billi kien hemm tnejn li ssottommettew l-interess taghhom, izda wiehed biss ta' spjegazzjoni kif ser jitmexxa x-xoghol relatat mar-riciklagg, gie deciz li tintaghzel tal-Green MT.

Kull expression of interest kien hemm qbil unanimu minn dawk kollha presenti.

***Xogholijiet***

Is-Sindku Mario Salerno kompla l-laqgha billi ta' rendikont tad-diversi xogholijiet li kien qed iwettaq il-Kunsill lokali San Pawl il-Bahar. Fost dawn huwa kompla jghid li tlestew that l-iskema tall-PPP dawn it-toroq:-

- Triq Port Ruman. Din it-triq tlestiet u inghatat it-tarmk wara li nbnew il-hitan u saru s-servizzi kollha mehtiega.
- Triq Konventwali. Din it-triq inghatat it-tarmak ukoll u saru diversi xogholijiet fuq hitan u bankini.
- New Str. In Konventwali. Din it-triq inbniet mill-gdid bil-bankini u bini ta' hitan.

Xogholijiet ohra mhux taht l-iskema tal-PPP.

Triq Hal Dragi. Fuq diversi talbiet lill Kunsill Lokali gie deciz li jsir xoghol estensiv fuq Triq Hal Dragi li spiccat b' hofor kbar matul it-triq kollha. Ghaldaqstant il-kunsill qabel li jsir xoghol ta' tiswija f'din it-triq halli tittaffa l-problema.

Triq Busewdien. Wara diskussjoni qasira gie maqbul mill-kunsill li jsir xoghol ta' patching temporanju fi triq Busewdien u l-quddiem jibda jinghata tarmac bicca bicca minhabba li l-istess triq hija twila mhux hazing u ghaldaqstant tirrikjedi ammont sostanzjali biex tkun kompluta bit-tarmak. Ghalissa din it-triq ser tinghata l-attenzjoni mehtiega bil-patching.

Triq Gulju. Minhabba li triq Gulju tinhtieg xoghol estensiv, billi tinqala mill-qiegh u litteralment terga' tinbena mill-gdid, ghaliex l-istess triq qeghda mibnija fuq it-tafal u sfrondiet minn kullimkien. Il-kunsill ghandu jitlob permess lid-direttur tal-Kunsilli Lokali biex ikun jista' jwettaq dan ix-xoghol taht Batch 1 mill-iskema tal-PPP u hekk jinghalaq l-ewwel fazi tal-PPP. Dan fid-dawl li l-istess triq biex issir kif suppost bil-concrete stabilizer tlahhaq is-somma ta' €152,624.20. Ghaldaqstant kif appena jkollna konferma mid-dipartiment u jigu konfermat l-ammont finanzjarju mehtieg huwa disponibbli, dan ix-xoghol ghandu jinbeda mill-aktar fis possibli ghax it-triq tinsab f'sitwazzjoni allarmanti u ta' inkonvenjent kbir lir-residenti u sewwieqa.

**Aggornament tax-xogholijiet tal-Kunsilliera.**

Jason Camilleri. Il-kunsillier Jason Camilleri qal li qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex itella attivita ghall-Jum San Valentino. Huwa qal li apparti li din l-attivita ser tkun xi haga innovattiva f' San Pawl il-Bahar, ser tghin ukoll fl-aspett ta' *culture integration* ghax ser iggib diversi koppji flimkien minn kulturi differenti li joqghodu fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar. Huwa kompla jispjega li ser ikun hemm il-fun Train li tiehu lill koppji dawra mal-lokalita u jinghataw ukoll inbid b'xejn tal-okkazjoni. L-ispiza totali hija stmata li tkun biss ta' €350 u huwa kalkulat li €450 ser ikunu sponsorjati.
Il-Kunsill wara li staqsa kif ser tigi riklamata l-attivita approva l-attivita u fahhar l-inizjattiva originali tas-Sur Camilleri.

Jane Chircop. Il-Kunsilliera Jane Chircop spjegat li bhalissa qed tahdem hafna ma' familji li finanzjarjament mhux qeghdin f'sitwazzjoni daqshekk komda u ghaldaqstant ghandhom bzonn l-ghajnuna. Jane qalet li ghall dawn l-ahhar gimghat kienet qed tigbor b'donazzjonijiet minghand nies, hwejjeg u affarijiet ohra li ma' jkunux qed juzaw etc biex jitqassmu lill dawk il-familji vulnerabbli. Hija kompliet biex talbet lill kunsill halli temporanjament tuza kamra li ser tigi assenjata lill Kunsill fil-playing field ta' Burmarrad biex tkun tista' tqassam dawn l-affarijiet lill dawn l-istess familji vulnerabbli gewwa l-lokalita ta' San Pawl.
Il-Kunsill wara li fahhar lill kunsilliera Jane Chircop tal-inizjattiva qabel li ghanda tinghata l-ghajnuna necessarja u tuza l-kamra tal-playing field ghall dan il-ghan nobbli.
Janr kompliry tghid ukoll li hija kienet qed toffri tghin billi torganizza customer care course ghall-impjegati tal-Kunsill, halli l-quddiem l-impjegati jkunu aktar f'posizzjoni li jwettqu x-xoghol. Kompliet tghid ukoll li l-uniformijiet tal-Kunsill ser jigu ordnati minghand il-kumpanija tal-Bortex minhabba li kien hemm diversi lmenti minghand il-haddiema li d-drapp tal-orhos offerta mhux komdu ghall-impjegati. Fuq dan kien hemm qbil unanimu u ghaldaqstant Jane ser tiehu hsieb ir-*re-branding* tal-Kunsill Loakali San Pawl.

Alex Bezzina. Il-Vici Sindku Alex Bezzina spjega li bhalissa kien qed isir xoghol kontinwu fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar fuq tindif minn inhawi differenti. Huwa qal sar hafna xoghol ta' tindif fil-kmamar tal-playing field ta' Burmarrad, liema kmamar kienu sgassati, b' hafna hmieg u tkissir ta' hgieg u abbandun. Dawn il-kmamar gew imnaddfa, mizbughin u tnehha kull periklu li kien hemm biex mill-gdid jergghu jibdew jintuzaw min-nies ta' Burmarrad. Sar ukoll hafna xoghol ta' tindif f'diversi inhawi ohra, bhax-Xemxija heritage trail fejn il-fortress, l-Qawra u l-gnien ta' Erbgha Mwiezeb u Andrew Cunningham Street fil-Qawra. Huwa kompla jghid ukoll li ser jiehu hsieb it-tindif fl-inhawi tas-Santana Hotel.

Mandy Buhagiar. Il-kunsilliera Buhagiar qalet li saritilha talba biex il-monument fil-qawra maghruf bhala tal-Bir – jigi mantnut u jerga' jinxtghel id-dawl tieghu. Dan fid-dawl li l-istess kmonument kien ilu bid-dawl imkisser ghall-diversi snin u ghandu jinzeba' l-genb tieghu u jsiru tabelli adekwati halli l-akwata terga' tinghata l-attenzjoni li tixirqilha. Hija talbet ukoll biex jigi kunsidrat li fi Triq il-Bahhara titranga l-bankina u jsir pjan kif jizdied il-parkegg f' din it-triq. Dan minhabba li jekk l-istess triq issir one-way u peress li naha minnhom ma' hemmx entraturi ta' djar tkun tista tinholoq sistema ta' one way u jkunu jistghu jidhlu hafna aktar parkeggi tal-karozzi b'forma ta' *splayed parking bays* matul it-triq kollha.
Il-kunsill qabel mall-proposta tal kunsilliera Buhagiar u ghaldaqstant ghanda tintalab l-ghajnuna tal-perit tal-kunsill halli jsir ix-xoghol fuq il-bankina ta' Triq il-Bahhara
Fil-parkegg ta' quddiem Santana Hotel, hemm zewg sigriet maturi li M. Buhagiar qalet ikunu sbieh hafna kieku jinxtghelu b'dawl dekorattiv.

Ray Tabone. Il-kunsillier Tabone qal li ghalkemm Triq ix-xtut kienet immarkata biex isir ix-xoghol mehtieg u tinghata l-attenzjoni mehtiega taht l-iskema tal-PPP din baqghet ma' saritx. Ghaldaqstant huwa talab lill Kunsill biex jara jekk finanzjarjament jkun jista' jibda x-xoghol f'din it-triq permezz tal-fondi tal-PPP – taht batch 2 minhabba li taht batch 1 l-ammont allokat ser ikun ezawrit fi Triq Gulju appena li ninghataw permess minghand id-dipartiment biex ikun jista' jinbeda x-xogho. Huwa kompla jghid li l-isfel fi triq tax-xtut fejn hemm l-iskips tal-Kunsill ghandu jittranga bil-konkos u xibka halli jsir railing tal-hadid warajhom ghax hemm periklu specjalment ghat-tfal li jkun hemm jilghabu fejn il-boat houses. Huwa kompla jghid li ghandu bzonn xoghol ta' manteniment immedjat fuq li- slipways li sahansitra hemm bicca minnhom bil-hofor fin-nofs.

Huwa kompla jghid li hemm bzonn jinxtraw konki tal-konkos biex jitpoggew fis-central strip inti u diehel f'Bugibba quddiem il-pompi tal-petrol, b'hekk id-dehra tad-dahla ta' San Pawl tkompli tisbieh. Wara diskussjoni qasira l-kunsill qabel li l-kuntrattur il-gdid jkun jista' jibda jghamel xoghol ta' tiswija bil-konkos.

Carmel Hili Il-kunsillier Carmel Hili qal li saritlu talba mir-residenti ta' triq Patri Wistin Magro f'Burmarrad biex issir bankina. Ghaldaqstant huwa talab lill kunsill biex kif ikun jista jibda x-xoghol il-kuntrattur issir din il-bankina. Il-kunsill qabel mas-sur Hili li ghanda ssir din il-bankina anke minhabba l-periklu lir-residenti tal-inhawi. Is-Sur Hili kompla billi fakkar li l-haddiema tal-Kunsill ghandhom jghinu lill kumitat tal-festa ta' Burmarrad biex jitwahhlu t-tappieri tal-arbli tal-festa f'Burmarrad. Dawn l-istess tappieri kienu nxtraw mill-kumitat tal-festa u l-kunsill ser jghin fit-twahhil tagghom. Il-Kunsill qabel unanimament.

## Hwejjeg ohra.

Tissahhah is-sistema tan-network fil-kunsill.

Is-Sindku Mario Salerno qal li kien gie infurmat mis-segretarju ezekuttiv li minhabba li s-sistema tal-kompjuters hija slow hafna ahjar jinbidel is-server biex ghallanqas ix- shared data tkun accessibli ghall kull skrivan fil-kunsill. Ghaldaqstant huwa spjega li ahjar jinbidel is-server li kien ilu ghall diversi snin jahdem u hemm il-biza li minn hin ghall-iehor tmur il-hard disk tieghu. Huwa qal li bhalissa qed isir xoghol ta' manteniment fuq il-kompjuters tal-iskrivani biex jkollhom network komuni bejniethom u jkun hemm il-facilita li jkollhm *shared printing* permezz tan-network fil-kunsill.

Jinxtraw arbli tad-dawl fi triq it-Turisti.

Is-Sindku qal li ghal diversi drabi kellu hafna lmenti ghax fi Triq it-Turisti-int u diehel ghall-istazzjon tal-arriva, qabel l-ghassa jkun hemm hafna dlam. Huwa talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinxtraw arbli zghar dekorattivi li jehlu fuq ic-cint halli tinxtghel din it-triq li jghaddu hafna turisti u Maltin minnha. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

Is-sindku kompla jispjega li saru diversi sforzi biex il-parkegg ta' quddiem is-Santa jerga' jixghel minhabba li d-dawl fl-arbli dekorattivi kien ilu ma' jixghel ghall diversi snin. Ghaldaqstant talab lis-segretarju ezekuttiv biex jara kif jista' l-kunsill jerga' jixghel dan id-dawl, anke fuq suggeriment tal-Kunsilliera Mandy Buhagiar. Huwa rringrazzja wkoll lill Jason Camilleri tal-hidma li qed iwettaq fuq id-dwal fit-toroq.

Agreement tal-Playing field ta' Burmarrad.

Is-sindku Mario Salerno qal li flimkien ma' Simone Aquilina u l-kumitat amministrattiv ta' Burmarrad saru laqghat bil-hsieb li l-playing field ta' Burmarrad terga' tiehu l-hajja u jsir il-manteniment tant mehtieg wara li kienet abbandunata u vandalizzata ghall-diversi drabi. Huwa talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jerga' ghall – darba ohra jigi ffirmat l-agreement mal-kunsill halli jibda x-xoghol mehtieg ghall dan il-ghan. B'hekk il-post jerga' jibda jintuza mit-tfal ta' Burmarrad u r-residenti tal-inhawi. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xoghol mehtieg u jibda x-xoghol fuq id-dawl halli jitnehha kull periklu li jista' jkun hemm minhabba li l-post gie vandalizzat.

Jitnehhew is-sigar minn quddiem Casa Serena.

Is-Sindku Mario Salerno fakkar li sigar ta' quddiem Dar Casa Serena ghandhom jinqalghu mill-aktar fis possibli minhabba l-hsara li qed issir lill bini u l-bankina ta' quddiem l-istess dar tal-

anzjani. Huwa kompla jghid li hemm kawza pendent quddiem il-qorti rigward dan u ghaldaqstant ghandna naraw kif dawn is-sigar jitnehhew mill-aktar fis possibli anke minhabba l-anzjani stess.

**Aggornament.**

**Il-laqgha spiccat fit-8.05pm. Il-laqgha aggornat ghall nhar il-gimgha 22 ta' Frar 2013 fil 1730 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.**

**Mario Salerno**
**Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.**

**Frans Chircop**
**Seg. Ezekuttiv.**